Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta ta' l-10 ta' April, 2006

Talba Numru. 611/2004

**Falcon Investments Limited**

**Vs**

**Arxcis Limited**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li fih is-socjeta' attrici talbet il-hlas ta' sitt mija u hamsa u sebghin lira Maltin (Lm675) rapprezentanti kera fuq il-fond f'San Gwann.

Ra r-Risposta fejn is-socjeta' konvenuta fl-ewwel lok qalet illi ma gietx debitament notifikata skond il-ligi.

Fit-tieni lok qalet illi m'hemm l-ebda flejjes dovuti lis-socjeta' attrici.


Qrati tal-Gustizzja

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra x-xhieda ta' John Falzon li jamministra s-socjeta' attrici fejn jikkonferma li s-socjeta' konvenuta kienet hallset biss meta ghamlu l-kuntratt u qatt ma hallset xejn izjed. L-ammont mitlub f'din il-kawza huwa l-kera ta' bejn l-1 ta' Jannar, 2004 u l-31 ta' Marzu, 2004.

Jikkonferma wkoll illi sal-lum il-gurnata s-socjeta' konvenuta ghadha ma tatux cwievet ta' dan l-ufficcju.

**Ikkunsidra**

Illi s-socjeta' konvenuta naqset li tikkontesta l-fatti kif rapportati mid-direttur tas-socjeta' attrici.

Ghaldaqstant jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u jordna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas is-somma ta' sitt mija u hamsa u sebghin lira Maltin (Lm675) bl-ispejjez u bl-imghax mid-data tan-notifika ta' l-Ittra Ufficjali kif ukoll l-interessi fuq l-istess ammont sad-data tal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------